MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1579/1997/1

**Josette Spiteri ghan-nom u bhala kuratrici tal-minuri, Tiziana Spiteri.**

**vs.**

**George Spiteri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Lulju 1997 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' April 1991 fil-Knisja Parrokkjali, il-Marsa;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi, da parti tal-konvenut fuq l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

Illi l-partijiet kontendenti kellhom tifla miz-zwieg taghhom, jisimha Tiziana, u jkun fl-ahjar interess ta’ l-istess tifla illi l-kura u l-kustodja tieghu jigu fdati esklussivament f’idejn l-attrici;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f’din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan skond id-digriet numru sitt mija u tnejn u erbghin tas-sena erbgha u disghin (642/94) li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dok. “A”.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut;

3. Tafda esklussivament f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tal-partijiet hawn fuq imsemmija;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ghat-tifla minuri u ghall-istess attrici, skond dawk il-modalitajiet li din il-Qorti thoss ghandha tistabbilixxi;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti occorrendo b’opera ta’ periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla kontra l-konvenut li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa illi:-

1. Preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni, *stante* illi l-premessi huma erronji peress li l-kontendenti ma zzewgux fis-6 ta' Dicembru 1991, izda fl-14 ta' April 1991.

2. Preliminarjament ukoll, l-insostenibbilta` tar-raba` talba attrici in kwantu avvanzata mill-attrici wahedha li ma tirrapprezentax lill-minuri, Tiziana Spiteri, bhala kuratrici *ad litem.*

3. Preliminarjament ukoll, in-nullita` tac-citazzjoni *stante* illi ma gietx promossa entro z-zmien stipulat bil-ligi – di fatti, d-digriet ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili inghata fl-4 ta' Lulju 1994, filwaqt illi c-citazzjoni infethet izjed minn tliet (3) snin wara.

4. Illi fil-mertu, iz-zwieg tkisser minhabba htigijiet gravi imputabbli lill-attrici.

5. Illi l-konvenut jopponi t-tielet talba attrici *stante* illi f'kull kaz huwa ghandu d-dritt li jkun konsultat fid-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, Tiziana, jopponi r-raba` talba attrici *stante* illi l-eccipjent huwa dizokkupat u jopponi s-sitt talba attrici *stante* illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ma fiha ebda assi.

6. Illi f'kull kaz l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.17 *et seq* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Frar 1999 fejn Dr Sciberras Camilleri ghall-attrici talbet korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni u l-atti l-ohra fis-sens li d-data taz-zwieg trid tkun 14 ta' April 1991. Illi l-Qorti ddegretat li *in vista* tal-fatt

li din il-korrezzjoni ma tbiddilx is-sustanza tat-talbiet attrici, laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba; tas-6 ta' Mejju 1999; tat-28 ta' Gunju 1999 fejn l-avukati rispettivi fl-ewwel lok iddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li din il-kawza tinstema' mill-Qorti kif kienet diversament presjeduta minkejja illi l-Imhallef sedenti kien ittratta l-kaz fis-Sekond'Awla tal-Qrati Civili. Fit-tieni lok Dr Sciberras Camilleri ghall-attrici talbet korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens illi wara l-isem ta' l-attrici jizdiedu l-kliem ukoll "ghan-nom u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Tiziana Spiteri. Dr Cilia m'opponix. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni relattiva. Dr Cilia ta b'ruhu notifikat bic-citazzjoni kif korretta u *in vista* tal-korrezzjoni rtira t-tieni eccezzjoni tieghu kif ukoll irtira t-tielet eccezzjoni tieghu. Il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Gonzi biex tigbor il-provi; tas-17 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li kien hemm possibbilta' ta' separazzjoni konsenswali; tas-6 ta' Marzu 2000; tal-21 ta' Marzu 2000 fejn Dr Chris Cilia rrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut liema patrocinju gie assunt minn Dr Schembri Orland; tal-15 ta' Gunju 2000; tal-14 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li ma kienx hemm possibbilta' ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk il-provi kellhom jingabru mill-Assistenta Gudizzjarja;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi;

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-20 ta' April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tas-26 ta' Frar 2002; u tat-23 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2002;

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr Paul Farrugia;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003 fejn id-difensuri qablu li l-kura u kustodja u l-access tal-minuri ghandhom jibqghu kif inhuma fid-digriet. Manteniment mhux qed issir insistenza fuqu. Manteniment huwa degretat pero' l-konvenut qed jiddikjara li ma jahdimx. Dwar komunjoni din hija minima. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2004 fejn b'ordni tal-Qorti, l-kawza regghet giet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Rat ix-xhieda kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (I) <u>XHIEDA PRODOTTA.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' April 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, Tiziana, li ghadha minuri. Illi l-partijiet taw zewg versjonijiet kompletament opposti ghal xulxin dwar dak li seta' gara bejniethom pero' bla ebda dubju z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment.

Illi fix-xhieda taghha l-**attrici** xehdet li zewgha kien isawwatha, dan anke qabel iz-zwieg, u ma kienx jaghtiha flus. Hija spjegat li huwa kien jilghab il-kaxxi tal-loghob. Meta kellhom it-tifla qalilha li kien se jbiddel hajtu izda s-sitwazzjoni baqghet kif kienet. Huwa kien isawwatha b'idejh pero' dejjem bezghet taghmel rapporti lill-Pulizija. Hija qalet li meta telqitu mar b'sikkina ghaliha. Huwa kien fis-sakra u heddidha li kien se joqtolha u hija telqet bit-tifla fil-hdax ta' bil-lejl u marret l-ghassa tal-Hamrun fejn

irrapportat il-kaz. Wara dakinhar ma marritx lura d-dar u marret tghix mal-genituri taghha. Wara xi sentejn li telqet, qalet li zewgha qatel lil missierha ghax ippretenda li ma kellux izommha.

Illi hija xehdet ukoll li kienet harget tqila qabel iz-zwieg u kellha *miscarriage* dik il-gimgha tat-tieg stess izda mbaghad izzewget xorta. Hija qalet li ma tridx manteniment ghaliha. Illi ghalkemm hemm digriet mis-Sekond'Awla huwa qatt ma taha l-ebda manteniment minn mindu sseparaw la ghaliha u lanqas ghal bintha.

Illi hi qalet li qatt ma hadmet matul iz-zwieg. Hija kienet tmur ghand ommha mbaghad f'siegha kienet tmur id-dar tnaddaf. Meta l-konvenut kien imur lura d-dar mix-xoghol f'xi tlieta u nofs hija kienet tkun id-dar bit-tifla. Illum it-tifla tmur l-iskola tal-Hamrun.

Illi rigward proprjeta' bejniethom m'ghandhom xejn. Bhala ghamara xehdet li l-kamra tas-sodda qalghata fit-tieg. Dak kollu li qalghet fit-tieg u d-deheb taghha u tat-tifla qieghed kollox ghandu. Ghalkemm hi talbitu l-affarijiet xorta wahda ma' taha xejn. Illum huwa qieghed jghix ma' mara ohra u kellu tifel minnha. Dan tafu ghax rathom meta jmur ghat-tifla l-ghassa. Infatti huwa jara lit-tifla s-Sibt u l-Hadd mill-ghaxra ta' fil-ghodu san-nofs siegha.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici kompliet li flus x'jaqsmu m'hemmx u li l-post fejn kienu jghixu huwa mikri u baqa' jghix fih il-konvenut u llum hemm persuna ohra tghix mieghu.
Illi hija qalet li tghix ghand ommha flimkien ma' bintha, Tiziana li ghandha ghaxar snin. L-attrici sostniet li hija tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifla. Zewgha qatt ma taha flus ghat-tifla u rari hafna jixtrilha xi haga barra f'eghluq sninha jew il-Milied. Sahansitra l-privat ta' l-iskola qed thallsu omm l-attrici anki jekk kien wieghed li se jhallsu huwa. Hija ghalhekk qed titlob li t-tifla tibqa' tghix maghha u tibqa' tmur tara lil missierha kif qed taghmel prezentement.

Illi bhala affarijiet materjali li huma taghha hemm *bedspread, toys* tat-tifla inkluz *soft toy* li kien irregalalha missier l-attrici, illum mejjet. Skond hi zewgha qalilha li biegh id-deheb taghha pero' ghandha xi affarijiet ohra zghar tad-deheb fosthom curkett ta' l-*engagement,* par fili, disa' crieket ohra tad-deheb, pendent bil-wicc ta' Kristu tad-deheb. Hemm ukoll xi affarijiet zghar tad-deheb tat-tifla li huwa rrifjuta li jaghtiha. Komplessivament il-valur jammonta ghal madwar erba` mitt lira Maltija (Lm400).

Illi fl-affidavit tieghu **George Spiteri** xehed li wara ftit xhur li huwa u l-attrici zzewgu hija harget tqila u kellhom tifla. L-ewwel sena taz-zwieg kienet mhux hazin izda wara sena l-attrici inbidlet ghal kollox. Dan ghaliex skond huwa, hija kienet qed tiltaqa' ma' ragel iehor jismu Chris, li kien habib ta' missierha.

Illi huwa spjega li fejn qabel kienet izzomm id-dar nadifa u ssajjar *ecc.* f'daqqa wahda bdiet taghmel granet shah barra mid-dar ghalkemm ma kenitx tahdem. Wara li kien imur lura d-dar mix-xoghol ma kienx isibha u kien jinduna li ma tkun ghamlet xejn. Kien jispicca jaghmel il-facendi huwa u gieli anki kellu jmur jiekol barra ghax mhux biss ma tkunx sajret izda l-*fridge* kienet tkun vojta. *Inoltre*' ghalkemm kienu jorqdu fl-istess sodda hija ma riditx li jkollhom relazzjonijiet intimi u din is-sitwazzjoni damet xi tmien xhur.

Illi f'dan il-perjodu l-attrici kienet tmur xi darba fil-gimgha maz-zija taghha. F'wahda minn dawn id-drabi l-konvenut issuspetta li martu kienet marret il-bahar ma' haddiehor u mhux maz-zija. Fittxilha fil-basket taghha. Sabilha zewg pakketti sigaretti, wiehed minnhom ta' ditta li ma tpejjipx hija u f'wiehed minn dawn il-pakketti kien hemm *condom* mohbi. Meta huwa kellimha dwar dan hija nnegat. Hija mbaghad qaltlu li kienet ser titilqu u tqabbad avukat biex tehodlu kollox. Huwa hadha bis-serjeta' ghax hija kienet diga' telqet mid-dar ftit xhur qabel u meta marret lura u talbitu skuza huwa hafrilha ghax xtaq li jergghu jippruvaw jirrangaw ir-relazzjoni taghhom.

Illi pero’ s-sitwazzjoni bejniethom bdiet sejra mill-hazin ghall-aghar u wara xi tmien xhur huwa ddecieda li jghidilha biex jiddiskutu s-sitwazzjoni taghhom biex forsi jsalvaw iz-zwieg. Pero’ hija bdiet titkellem hazin u qaltlu li kienet lesta biex titilqu. Huwa qalilha li jekk terga’ titlaq ma kienx lest li jerga’ jahfrilha. Hija qabdet u telqet bit-tifla u minn dakinhar ma marritx lura d-dar u skond huwa marret tghix mal-habib taghha Chris f’appartament Bugibba. Huwa ghamel xi ftit xhur ma jarax lit-tifla u kellu jiehu proceduri legali. Imbaghad xi ftit xhur wara marret id-dar ma’ missierha biex tiehu hwejjigha u regghet telqet u ma rahiex aktar. Illum jaf li hija m’ghadhiex tghix ma’ Chris izda qed tghix ma’ wiehed jismu Jason minn Burmarrad.

Illi huwa xehed li r-relazzjoni tieghu ma’ bintu hija tajba hafna. Huwa ghandu access kull nhar ta’ Sibt u Hadd mill-10.00a.m. san-12.30p.m. ghalkemm gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn martu hallietu jzommha ghal hin itwal. Huwa jixtieq li jkollu aktar hin mat-tifla u li meta tkun se tittiehed xi decizjoni mportanti dwarha jkun involut bhal ma’ dejjem gara s’issa.

Illi huwa jghix f’post mikri. Il-kera hija f’ismu u ilha hekk minn hafna qabel iz-zwieg ghax dan il-post kien f’isem in-nannu tieghu qabel ma miet. Huwa xehed li ma jahdimx ghax fejn kien jahdem spicca x-xoghol u bhalissa qieghed jirregistra.

## (II) <u>APREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi z-zewg partijiet f’din il-kawza taw versjoni kompletament opposta ghal xulxin b’wahda twahhal fl-iehor u *vice-versa.* Illi pero’ mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta’ sevizzi, theddid u ingurji gravi fuq l-attrici u minhabba l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabbilment, u dan ghaliex jirrizulta li l-versjoni tal-attrici hija aktar versosimili, tant li jirrizulta li konvenut kien hati verso l-attrici ta’ swat, vjolenza domestika fuq l-attrici u wkoll kien jilghab il-kaxxi tal-loghob u loghob tal-azzard u kien ukoll jixrob izda naqas li jmantni lill-istess attrici u lil bintha, ghalkemm llum qed jghid li huwa ma jahdimx.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li minhabba li l-konvenut kien hedded lill-attrici b'sikkina hja telqet mid-dar konugali u s-sitwazzjoni ghadha hekk sa llum; l-konvenut jghix fid-dar konjugali ma' mara ohra.

Illi min-naha tal-konvenut jidher li fix-xhieda tieghu allega diversi affarijiet fil-konfront tal-attrici l-iktar ghaliex kienet tmur ghand ommha u darba fil-gimgha ghand iz-zija taghha; l-istess konvenut jidher li ssusspetta fl-attrici li kellha relazzjoni ma' ragel iehor, pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ma giex ippruvat, u l-fatt li l-istess attrici telqet mid-dar taghha kien dovut ghall-karatru vjolenti tal-istess konvenut, kif jinsab deskritt fix-xhieda taghha u wkoll fl-affidavit taghha datat 30 ta' Mejju 2002.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-konfront tal-attrici ma gewx ippruvati u l-Qorti tinnota li l-istess konvenut ma offra l-ebda spjegazzjoni ghall-akkuzi li saru minn martu fil-konfront tieghu ta' swat, xorb u loghob tal-azzard; lanqas biss semma' li l-oggetti kollha tad-dar baqghu ghandu inkluz id-deheb tat-tifla; sostna biss li huwa ma jahdimx u qieghed jirregistra, u fil-fatt jidher u jirrizulta li lanqas il-manteniment *pendente lite* qatt ma hallas u lanqas qed imantni lill-istess minuri u dan ghaliex l-konvenut dejjem sostna li huwa ma ghandux xoghol. Prova dwar xi impjieg jew ezercizzju ta' sengha mill-konvenut ma ingabhitx f'dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabbilment minhabba dan il-komportament abbusiv *da parte* tal-konvenut. Konsegwentement anke t-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tielet talba din ukoll ghandha tigi milqugha u l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici u l-konvenut ikollu access ghall-istess minuri, kif ordnat fid-Digriet vigenti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Lulju 1994, u cjoe; kull nhar ta' Sibt u Hadd bejn l-10.00.a.m. u 12.30.p.m. b'dan li l-minuri tingabar

mill-konvenut minn hdejn l-Ghassa tal-Marsa u tittiehed lura fl-istess post.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi xolta b’effett mid-data tad-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta’ Lulju 1994.

Illi dwar il-konsistenza tal-istess komunjoni tal-akkwisti jidher li ma kien hemm xejn ta’ sostanza tant li l-post fejn kienu joqghodu huwa mikri f’isem il-konvenut u dan skond huwa minn qabel iz-zwieg u ma jidhirx li l-attrici ghandha xi xewqa li tirritorna fl-istess post. Illi jidher li l-ftit affarijiet li hemm baqghu fil-pussess tal-konvenut, izda hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li l-istess konvenut ghandu jikkonsenja lill-attrici l-kamra tas-sodda, *stante* li hija parafernali taghha, u l-*bedspread,* gugarelli kollha tat-tifla, curkett tal-*engagement*, par fili, disa’ criket ohra tad-deheb, pendent tal-wicc ta’ Kristu tad-deheb, u oggetti tad-deheb tal-istess tifla, kollox kif indikat fl-affidavit attrici, filwaqt li l-konvenut ghandu jzomm dak kollu, hawn mhux imsemmi, li hemm fil-fond fejn huwa attalment jirresjedi. Flus qatt ma kellhom jew almenu provi dwar l-istess ma ingabu xejn.

Illi dwar manteniment sar verbal *seduta stante* fit-8 ta’ Ottubru 2003 fejn gie dikjarat mid-difensuri tal-partijet li ma kenitx qed issir insistenza fuqu, anki jekk degretat, peress li l-konvenut iddikjara li ma jahdimx ghalkemm din il-Qorti thoss li xorta ghandhu jibqa’ d-dritt tal-attrici proprju u ghan-nom tal-minuri ta’ manteniment fil-konfront tal-konvenut inkluz id-dritt taghha proprju *et nomine* li tesigi l-hlas tal-istess kontra l-konvenut meta l-istess ikollu qliegh jew introjtu kwalunkwe li minnu jkun jista’ jithallas il-manteniment. Fil-konfront tal-konvenut ghandhom jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tinnota li l-konvenut irtira t-tieni u t-tielet eccezzjoni tieghu skond verbal tat-28 ta’ Gunju

1999, u filwaqt li tichad l-ewwel, ir-raba' il-hames u is-sitt eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici biss kif hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabblment minhabba dan il-komportament abbuziv *da parte* tal-istess konvenut fil-konfront tal-attrici.

(2) Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenuta;

(3) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Tiziana tigi fdata lill-attrici u l-konvenut ikollu access ghall-istess minuri, kif ordnat fid-Digriet vigenti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 4 ta' Lulju 1994, u cjoe' kull nhar ta' Sibt u Hadd bejn l-10.00.a.m. u 12.30.p.m. b'dan li l-minuri tingabar mill-konvenut minn hdejn l-Ghassa tal-Marsa u tittiehed lura fl-istess post.

(4) Illi din il-Qorti fil-waqt li tikkonferma li l-attrici f'isimha proprju u ghan-nom tal-istess minuri ghandha dritt ta' manteniment fil-konfront tal-konvenut, liema dritt ta' alimenti ghandu jibqa' vigenti favur l-attrici proprju u fil-kwalita' premessa kontra l-konvenut, tiddikjara li fil-prezent ma hemm l-ebda ammont ta' manteniment x'jigi likwidat favur l-attrici fil-kwalita' taghha premess *stante* li ma rrizultax mill-provi li l-konvenut huwa okkupat u/jew ghandu l-mezzi sabiex iforni l-istess manteniment.

(5) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mid-data tal-4 ta' Lulju 1994;

(6) Tiddikjara li l-istess komonjoni tal-akkwisti tikkonsisti fi ftit oggetti ta' valur konsistenti principalment f'mobbli li jinsabu fir-residenza attwali tal-konvenut Block J, Flat 2, Xemxija Street, Marsa, li kollha ghadhom jinsabu fil-pussess tal-konvenut, u li jidher li l-attrici ma ghandhiex interess fl-istess, b'dan ghalhekk li l-istess mobbli qed jigu assenjati lill-konvenut, flimkien mal-kera tal-istess fond b'dan pero' li l-konvenut ghandu fi zmien qasir u

perentorju ta’ tletin (30) gurnata mid-data tad-din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici *bedspread,* gugarelli tat-tifla, curkett tal-*engagement*, par fili, disa’ criket ohra tad-deheb, pendent tal-wicc ta’ Kristu tad-deheb, u oggetti tad-deheb tal-istess tifla, kollox kif indikat fl-affidavit attrici datat 30 ta’ Mejju 2002 u dan bhala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partjiet, flimkien mal-kamra tas-sodda li hija parafernali ghall-attrici.

Illi l-Qorti tordna li jigu applikati fil-konfront tal-konvenut u favur l-attrici d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’Awla kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------